**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 162/02**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Paul Camilleri)**
**(Sp. Christopher Pullicino)**

**vs**

**Susan Cacciattolo ta' 32 sena, mart Albert,**
**Bint Edward Bristow u Agnes nee Frendo,**
**Imwielda Pieta' fl-10 ta' Ottubru, 1969 u toqghod**
**Binja 21st September 1964, Entrance A, Flat 7,**
**Taz-Zwejt, San Gwann, detentura tal-karta ta'**
**l-identita' numru 7153 (A).**

**Illum 22 ta' Marzu, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Susan Cacciattolo li giet akkuzata talli fit-22 ta' Frar, 2002 ghall-habta ta' xi 9.45 a.m. gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt, Valletta, iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat, liema reat taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar u dan bi ksur ta' l-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputata ma kellha ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat l-ammissjoni ta' Susan Cacciattolo.

In vista ta' l-ammissjoni ssibha hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghha wara li rat l-Art 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-piena, rat il-fedina penali li hi netta, semghet it-trattazzjonijiet dwar l-istess, rat l-Art 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien 18-il xahar mil-llum.

Il-Qorti spjegat is-sinifikat tar-responsabilita taghha taht l-imsemmi Kapitolu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.